ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 30/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 8 ta' Lulju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fis-14:15hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

30.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsillier John Luke Cassar kien ser jasal ftit tard minħabba li kienu daħħluh xogħol.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 29

30.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 29 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mis-Sindku Terence Agius dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

30.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Direttiva 2/2021 dwar Contracts (Community Works) Managers mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

30.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Direttiva 3/2021 dwar Per Diem Applikabbli għas-Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

30.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Numru 5A/2021 rigward il-konsultazzjoni pubblika dwar il-Politika għall-Gvern Lokali liema proċess ta' konsultazzjoni jagħlaq fis-16 ta' Lulju, 2021.

ĦAL KIRKOP

30.3.3.1 Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sħabu biex jaraw dan ir-rapport biex ikunu jistgħu jagħtu l-opinjonijiet u l-ideat tagħhom.

30.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar dwar servizz ta' rondi ta' sorveljanza offruti mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

30.3.4.1 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jidentifikaw żewġ postijiet fejn l-aktar tinħass il-ħtieġa ta' sorveljanza biex il-Kunsill ikun jista' jagħti din l-informazzjoni lir-Reġjun.

30.3.4.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li għandha ssir sorveljanza fi Triq San Remiġ u Triq Danny Cremona (li huma triq tkompli) u Triq iż-Żebbiegħ u Triq il-Lewżiet (li wkoll huma triq tkompli).

30.3.5 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill rapport maħruġ mill-Inġinier rigward l-Installazzjoni tad-dawl tal-ġnien f'Misraħ iż-Żerniq.

30.3.5.1 Is-Sindku spjega li l-Inġinier kien tal-ideja li l-*pump room* ma tibqax taħt l-art u titneħħa l-problema l-kbira li kull darba jkun hemm ħsarat.

30.3.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jitkellmu mal-Inġinier biex jagħtina stima kemm jiswa biex isir ix-xogħol kollu biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti ma' entità biex jitlob l-għajnuna għal dan il-proġett.

30.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar il-European Mobility Week.

30.3.6.1 Is-Sindku spjega li din il-kampanja ssir biex tippromwovi mobilità urbana sostenibbli. Il-European Mobility Week ser tkun iċċelebrata fil-ġimgħa li tibda 16 ta' Settembru u tagħlaq fit-22 ta' Settembru li tikkomemora l-*World Car Free Day*.

30.3.6.2 Bħas-snin l-imgħoddija, għal din il-kampanja hemm żewġ kompetizzjonijiet li huma – 'Small Events and Activities Competition' u ' Permanent Sustainable Mobility Measures Competition'. Il-Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw għal dawn iż-żewġ kompetizzjonijiet.

30.3.6.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kampanja u ġie deċiż li l-Kunsillier Cody Galea ser ikun qed jisħarreġ il-possibilità li jsir proġett fi Triq San Benedittu, quddiem l-Iskola, liema proġett ikun sostenibbli.

30.3.6.4 Il-Kunsillier Cody Galea ser ikun qed jaħdem fuqha u jiġi lura għand il-Kunsill biex tittieħed deċiżjoni.

30.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien kiteb lid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità dwar servizz ta' trasport għall-anzjani f'Ħal Kirkop stess.

30.3.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva risposta li d-Dipartiment kien ser iżid il-flotta fl-irħula kollha u dan ser isir permezz ta' tender. Għaldaqstant dan il-proċess ser ikun qed jieħu diversi xhur.

30.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand l-EU & International Affairs Unit rigward Sejħiet għall-Proġetti taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – Town Twinning / Network of Towns.

30.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsillier Cody Galea jara din l-*email* u jagħti *feedback* dwarha lill-Kunsilliera biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni.

30.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand EU & International Affairs Unit rigward Sessjonijiet Informattivi dwar Servizzi Ewropej f'Malta (SEM).

30.3.9.1 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu xtaq li jattendi iżda sfortunatament ser ikun xogħol il-ġurnata kollha u għaldaqstant ma jista' jattendi fl-ebda sessjoni.

30.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-sitwazzjoni tal-*cameras* f'Ħal Kirkop għandha bżonn tiġi diskussa.

30.3.10.1 Is-Sindku qal li ser ikun qed iħejji rapport dwar il-qagħda tal-*cameras* kollha u fil-laqgħa li jmiss jiddiskutu dan ir-rapport u t-triq 'il quddiem.

30.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien reġa' talab lill-Perit biex jagħti dettalji dwar l-arblu tal-bejt tal-Kunsill.

30.3.11.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jistenna dettalji dwar x'jista' jsir minħabba s-saqaf tal-bejt iżda l-Perit kien qed jinsisti li l-Kunsill jagħti l-qies tal-bandiera.

30.3.11.2 Il-Kunsilliera qalu li issa din is-sitwazzjoni twalet wisq u jidher li jekk se jitwaħħal travu dan ser ikun spiża. Għaldaqstant il-Kunsilliera iddeċidew li l-arbli ta' fuq il-bejt jitneħħew b'mod immedjat u jieqaf kull proċess biex isir xogħol minn naħa tal-Perit dwar l-arblu.

30.3.11.3 Il-Kunsilliera qablu wkoll li minflok issir bandiera fuq il-bejt isiru tlett bnadar fil-gallarija tan-nofs fuq arbli żgħar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

30.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu jidentifika 15-il *point* biex fihom isiru Wi-Fi points fuq l-iskema WiFi4EU.

30.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew lista ta' postijiet li ser ikunu qed jiġu proposti għal dan il-proġett.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

30.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa lis-Sindku dwar it-tkomplija ta' Triq San Pietru u Triq Valletta. Issa għadda wisq żmien u x-xogħol reġa' waqaf.

30.4.1.1 Il-Kunsillier Cody Galea qal li l-ħaddiema li kien hemm qalu li ser jinbidel il-kuntrattur u ser ikompli x-xogħol kuntrattur ieħor.

30.4.1.2 Is-Sindku Terence Agius qal li hu ma għandux din l-informazzjoni u għaldaqstant talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *email* lil Infrastracture Malta u tistaqsi għaliex ix-xogħol reġa' waqaf. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li tintbgħat din l-*email*.

30.4.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar ix-xogħol fi Triq il-Kbira u qalet li hemm ħafna mistoqsijiet dwar għaliex għadu ma bediex ix-xogħol.

30.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintalab laqgħa mas-Sur Fredrick Azzopardi biex jiġi diskuss ix-xogħol ta' toroq pendenti f'Ħal Kirkop, minħabba li l-*emails* li l-Kunsill qed jibgħat mhux qed jiġu imwieġba.

30.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li hemm bżonn li titneħħa dik il-karrozza li hemm fi Triq il-Ħajt tal-Matla.

30.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tinforma lil Transport Malta biex din il-vettura titneħħa.

30.4.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar l-Arkata ta' San Ġakbu.

30.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din l-*area* titnaddaf u jsir katnazz fid-daħla tal-Arkata.

30.4.5 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar ilmenti li qed jidħlulu rigward il-knis ta' toroq f'Ħal Kirkop. Kull ilment li jidħol għandu jgħaddi dirett għand il-*contracts manager* biex jiċċekkjah u jagħti *feedback* dwaru.

30.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar iz-*zebra crossing* li saret fi Triq San Pietru u qal li din ġiet perikoluża wisq għax qegħda fil-kantuniera.

30.4.6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva wkoll dan l-ilment mingħand is-Supretendent tal-Pulizija fejn wera l-periklu ta' din iż-*zebra crossing*. Il-Kunsill mill-ewwel bagħat *email* lil Infrastracture Malta dwar dan. Sakemm dħalna għal-laqgħa, il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda risposta.

30.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-permessi tal-festi.

30.4.7.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li l-Kunsill għandu Ċirkulari bil-miktub mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li tgħid li l-Kunsilli Lokali m'ghandhomx joħorġu l-ebda permessi għal armar ta' 'Big Screens' jew għal xi attività oħra, li b'loġika jkun ovvju li tali attivita tista' tiġbed aktar minn sitt persuni fil-pubbliku.

30.4.8 F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet sospiża minħabba li l-Kunsill kellu laqgħa mal-kumitat ta' Kirkop United F.C. Il-ħin f'dan l-istadju kien il-17:15hrs.

30.4.9 Is-Sindku Terence Agius talab biex il-laqgħa titkompla. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-17:45hrs.

30.4.10 Il-Kunsillier John Luke Cassar daħal għal-laqgħa f'dan il-ħin. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-17:45hrs

30.4.11 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-17:45hrs.

30.4.12 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar is-servizz ta' ġbir ta' skart goff.

30.4.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ammont ta' skart goff li qed ikun hemm huwa kbir. Qalet ukoll li uħud minn dawk li jċemplu qed joħorġu affarijiet oħra apparti dawk li jkunu kitbu. Dan qed iwassal biex ikun hemm ħafna iżjed affarijiet x'jinġabru minn dak miktub fuq il-lista.

30.4.12.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li kull ġimgħa għandu jkun hemm żewġ vjaġġi biex jinġabar kull ma jinħareġ.

30.4.13 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-problema tal-parkeġġ fl-*area* ta' Kirkop 2.

30.4.13.1 Is-Sindku qal li l-Prinċipal kien informa lill-għalliema biex jużaw il-parkeġġ tal-iskola iżda sfortunatament xorta waħda għad hemm min jipparkja barra.

30.4.13.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jitolbu lill-Prinċipal biex il-parkeġġ kollu tal-iskola jibqa' miftuħ 24 siegħa kuljum, 7 t'ijiem fil-ġimgħa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

30.4.14 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-barriers tal-ħadid li ser jitwaħħlu fil-kantunieri perikolużu.

30.4.14.1 Is-Sindku Terence Agius qallu biex jagħmlu appuntament flimkien biex ikunu jistgħu imorru fuq il-post, jieħdu r-ritratti fejn ġejjin biex tkun tista' ssir applikazzjoni ma' Transport Malta.

## 30.5 Rapport tal-Ilmenti

30.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienu ġew meħuda l-qisien tal-parkeġġi fi Triq il-Karwija. Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-qisien u ġie deċiż li dawn il-parkeġġi jiġu rranġati. Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jispjega lill-ħaddiema x'għandu jsir eżatt.

30.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fis-sistema tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 30.6 Tneħħija ta' Assi mill-kotba tal-Kunsill – *Disposal of Assets*

30.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill lista' ta' Assi li kellhom jistneħħew mill-kotba tal-Kunsill għax ma kienux għadhom tajbin.

30.6.2 L-assi jidhru fil-Fixed Asset Register bin-numri kif ġej – OFURN002; OFURN003; OFURN005; OFURN006; OFURN007; OFURN009; OFURN010; OFURN027; CEQU002; CEQU003; UIMP002; OFEQU009.

30.6.3 Kien hemm qbil unanimu li dawn l-assi jiġu mneħħija mill-kotba tal-Kunsill. Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tiġi approvata li l-assi skont minuta 30.6.2 jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill *(disposal of assets)*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 30.7 Restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu

30.7.1 Dan l-*item* diġa' ġie diskuss f'minuta 30.4.4.

## 30.8 Manutenzjoni ta' Ġonna u Soft Areas

30.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera li kien hemm bżonn jiġi diskuss ix-xogħol li qed isir fuq manutenzjoni ta' ġonna u soft areas.

30.8.2 Minħabba s-sħana li qed tagħmel hemm bżonn li t-tisqija ssir regolari u mhux biżżejjed it-tisqija bit-tank iż-żgħir. Għaldaqstant ġie deċiż li darba fil-ġimgħa l-Kunsill iġib *bowser* u bih jissaqqew il-ġonna u s-*soft areas* kollha.

30.8.3 Apparti hekk il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex issir laqgħa mal-ġardinar biex jiġi diskuss pjan ħolistiku dwar il-manutenzjoni tal-ġonna u *soft areas*. Kien hemm qbil unanimu li din il-laqgħa ssir fl-istess data tas-seduta tal-Kunsill.

## 30.9 Dokument - Sejħa għall-Offerti – Knis tat-Toroq

30.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kellu f'idejh *draft* tad-dokument tas-sejħa għall-offerti tal-knis tat-toroq.

30.9.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex dan it-tender ma jinħariġx għalissa sakemm ikunu ddiskutew bejniethom u raw id-dokument sew.

30.9.3 Apparti hekk is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob laqgħa mal-Contracts Manager biex flimkien miegħu u mal-Kunsillier John Luke Cassar ikun jista' jiġi diskuss aħjar dan id-dokument.

30.9.4 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 30.10 Dokument - Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

29.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li d-dokument tas-sejħa għall-offerti dwar tabelli u sinjali tat-traffiku kien qed jiġi emendat bid-tibdiliet li kienu ġew diskussi fil-laqgħa preċedenti.

29.9.1 Kif ġie diskuss u maqbul fil-laqgħa preċedenti, din is-sejħa ser tinħareġ mas-sejħa għall-offerti dwar Knis tat-toroq.

## 30.11 Kuntratt ta' Kollaborazzjoni tal-Ġbir ta' Skart Riċiklat

30.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien tkellem mar-Reġjun Nofsinhar rigward il-kuntratt ta' kollaborazzjoni tal-ġbir ta' skart riċiklat.

30.11.2 Is-Sindku kompla jgħid li r-Reġjun kellu konferma mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-kuntratti ta' kollaborazzjoni tal-ġbir ta' skart riċiklat preżenti setgħu jiġġeddu għal sena oħra.

30.11.3 Fil-frattemp ir-Reġjuni għaddejin b'diskussjonijiet biex dawn il-kuntratti jsiru fuq bażi Reġjonali.

30.11.4 Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kienet qed tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex dan il-kuntratt jiġġedded mal-kumpanija Green Pak.

## 30.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

30.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 116 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

30.12.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 116 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 30.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

30.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

30.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Awwissu, 2021 fl-16:00hrs.

30.13.3 Il-laqgħa ntemmet fis-19:10hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 17 ta' Awwissu, 2021

**Mozzjoni Ref:** 171/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 29.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 8 ta' Lulju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 172/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 8 ta' Lulju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 173/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata li l-assi skont minuta 30.6.2 jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill *(disposal of assets)*.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 8 ta' Lulju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 174/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 116.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 8 ta' Lulju, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**